*Art. 495A Kodiċi Ċivili*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 4 ta' Lulju 2022**

**Rikors Nru. 1169/2020 GM**

**Antoine Grixti lD 67768M**

**Charles Grixti ID 17759M**

**Catherine Attard ID 240951M**

**Josephine Creek Grixti ID 24085lM**

**Maria Rosaria Grech ID 73552M**

**Diandra Micallef ID 499185M**

**Joseph Micallef ID 830749M**

**Maria Carmela sive Carmen Tonna ID 703647M**

**Vincent Micallef ID 0349053M**

**Peter Paul Micallef ID 0223955M**

**Raymond Micallef ID 0223855M**

**Maria Theresa sive Marthese Mamo ID 966846M**

**Maria Anna sive Marion Xuereb lD 966946M**

**Carmel sive Charles Medati ID 500053M**

**Maria Carmela sive Carmen Caruana Medati ID 217958M u b'digriet tat-3 ta' Frar 2022 l-atti tal-kawża f'isem Maria Carmela sive Carmen Caruana Medati għaddew f'isem Clive Dimech, Ryan Dimech, Philip Dimech u Donna Dimech, stante il-mewt tagħha.**

**Benjamin Tonna lD 224187M**

**Caroline Medati ID 567383M**

**Christina Medati ID 327996M**

**Martina Medati ID 421094M**

**Alison Medati 329790M li qiegħda tidher għan-nom u in rappreżentanza tat-tliet uliedha minuri jisimhom Elyse Medati lD 444813L, Saleishia Medati ID 155309L u John Medati lD 437157L, Brian Borg ID 316881M illi qed jidher f'ismu personalment u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Domenica Catania Passport No. A 18585, Spiridione Balzan Drivers License 8661HH, Alfred Balzan Passport No. PA 5663302, Anna Maria Marshall Passport No. MT012284, Patricia Hind Passaport No. 1278437, Suzanne Trautsch Drivers license No. 2082DU u Peter Micallef Drivers license No.**

**1008FW**

**Vanessa Dalli ID 498578M**

**vs**

**Dr Benjamin Valenzia u l-P.L. Veronica Rossignaud kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil eredi mhux magħrufa ta' John Balzan u Joseph Balzan, digriet mogħti 5 ta' Jannar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Antoine Grixti et. li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

> Ir-rikorrenti flimkien huma ko-propjetarji flimkien f'seba' ishma minn disgħa (7/9) tal-fond konsistenti f'dar, numru tmienja u ħamsin (58), bl-isem 'Frankie', inkluż bitħa retrostanti, u l-arja u s-sottosuol tagħha u kif ukoll dak fuq il-fond numru disgħa u ħamsin (59), kollox fi Triq Sir Patrick Stuart, Gzira, Malta;
>
> Ir-rimanenti sehem ta' tnejn minn disgħa (2/9) ndiviżi mill-istess proprjeta` immobbli jappartjenu lill-intimati;
>
> Il-fond in kwistjoni kien jappartjeni lill-ġenituri (u għal uħud lin-nanniet) defunti tal-kontendenti u ddevolva fuqhom b'wirt. Illi l-proprjeta` oriġinarjament kienet tappartjeni lil axxendenti tal-partijiet u ċioe` lil Calcedoio Balzan u l-mara tiegħu Josephine Balzan nee` Overand u liema partijiet mietu fil-25 ta' Novembru tas-sena 1941 u 25 ta' Novembru 1974 rispettivament;
>
> Għal kull buon fini u skont l-artikolu 495A(2) tal-Kodiċi Ċivili, l-esponenti qed jannettu dikjarazzjoni tagħhom li huma jaqblu li jsir dan il-bejgħ fit-termini tal-imsemmi konvenju u estenzjoni tal-istess (DOK A) u prospett li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li għandu kull wieħed minnhom (DOK B);
>
> Għaldaqstant l-imsemmija proprjeta` immobbli ilha miżmuma in komun bejn il-kontendenti u l-awturi tagħhom għal iżjed minn tliet snin u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża;
>
> Għaldaqstant l-imsemmija propjeta` inżammet in komun għal aktar minn tliet snin hekk kif jirrikjedi l-Artikolu 495A(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Sal-lum ħadd mill-proprjetarji ma intavola xi azzjoni gudizzjarja sabiex tinqasam bejniethom din il-proprjeta` li hija komuni;

Ir-rikorrenti daħlu f'konvenju ma’ "MB Investments Limited (C70593) datat id-disgħa (9) ta' Frar 2018 u dan kif estiż, in atti tan-Nutar Dr Sam Abela sabiex jinbiegħ dan il-fond, (kopja ta' liema qed jiġi hawn anness u markat DOK C);

Ir-rikorrenti ma jistgħux ibiegħu l-intier tal-fond in kwistjoni in vista tal-fatt li l-konvenuti qed jirrifjutaw mingħajr ebda raġuni li jbiegħu s-sehem tagħhom;
Il-intimati mhux ser jiġu preġudikati jekk din l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-bejgħ tal-beni immobbli fuq imsemmija bil-prezz u l-kundizzjonijiet l-oħra stipulati fil-konvenju u estenzjoni fuq imsemmija;
Qiegħed hawn jiġi kkonfermat bil-ġurament ta' wieħed mill-atturi illi l-indirizzi jew il-post eżatt tal-kompropetarji konvenuti mhux magħruf, għajr illi allegatament jgħixu l-Awstralja, u allura l-kompropjetarji konvenuti ma jistgħux jinsabu. Fl-istess waqt u bl-istess ġurament l-istess attur jikkonferma illi l-eredi ta' Antoinette Agius u ta' Natalie Garvin m'humiex magħrufa;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tawtorizza l-bejgħ tal-immobbli komuni deskritt aktar 'il fuq bħala d-dar, numru tmienja u ħamsin (58), bl-isem 'Frankie', inkluż bitħa retrostanti, u l-arja u sottosuol tagħha u kif ukoll dak fuq il-fond numru disgħa u ħamsin (59), kollox fi Triq Sir Patrick Stuart, Gżira, Malta bil-prezz, bil-pattijiet u bil-kundizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fil-konvenju msemmi datat id-disgħa (9) ta' Frar 2018, u l-estenzjoni tal-istess;

2. Tistabbilixxi l-ħin, jum u l-post meta u fejn għandu jsir it-trasferiment.

3. Taħtar lin-Nutar Dr Sam Abela sabiex jippubblika l-att tal-bejgħ relattiv;

4. Tikkonferma lill-kuratur/i deputati sabiex jirrappreżenta lis-sidien mhux magħrufa tuq il-kuntratt pubbliku;

5. Tagħti direzzjoni u tordna lin-Nutar Pubbliku in kwistjoni ħalli jiddepożita s-sehem spettanti lill-konvenuti mir-rikavat tal-imsemmi bejgħ taħt l-Awtorita' tal-Qorti;

6. Tagħti kull provvedimenti oħra li jkun jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-Risposta tal-Kuraturi Deputati Dr Benjamin Valenzia (K.I. 144884M) u l-P.L. Veronica Rossignaud, nominati sabiex jirrappreżentaw lil eredi mhux magħrufa ta' John Balzan u Joseph Balzan, u Dr Benjamin Valenzia li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Il-Kuraturi Deputati mhumiex edotti mill-fatti;

2. Il-Kuraturi Deputati għandhom jingħataw l-aħħar indirizz magħruf ta' John u Joseph Balzan;

3. Preliminarjament il-mandatarji għandhom jippruvaw il-mandat mogħti lilhom;

4. Prelimanarjament ir-rikorrenti għandhom jippruvaw illi l-konvenju ġie regolarment imġedded wara l-31 ta' Diċembru 2020 skont fol 32;

5. Preliminarjament ir-rikorrenti għandhom iressqu dawk il-provi sabiex juru illi huma ppruvaw jagħmlu kuntatt mal-konvenuti John u Joseph Balzan;

6. Preliminarjament ir-rikorrenti għandhom jippruvaw il-provenjenza tal-fond mertu tal-kawza u kif l-imsemmi fond wasal għand ir-rikorrenti bid-dokumenti meħtieġa;

7. Għalkemm fil-premessi jingħad illi r-rikorrenti ma jafux eżatt fejn joqgħod fl-Awstralja l-konvenuti John u Joseph Balzan, fl-istess ħin jingħad illi *l-konvenuti qed jirrifjutaw mingħajr ebda raġuni li jbiegħu s-sehem tagħhom;*

8. Għandu jinħatar Perit Tekniku minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jagħti valur attwali fis-suq tal-fond mertu tal-kawża.

Rat il-konvenju tad-9 ta' Frar 2018 li fih il-prezz ta' €425,000.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku maħtur minnha ppreżentat fil-15 t'April 2021 li l-valur tas-suq fis-sena 2020 kien ta' €455,000 u dan billi skont il-*Property Price Index* ippubblikat mill-Bank Ċentrali ta' Malta l-apprezzament annwu tal-proprjeta` fit-tliet snin preċedenti kien ta' 3.5% kull sena.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu ex-Artiklu 495A tal-Kodiċi Ċivili, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-bejgħ tad-dar numru 58 bl-isem 'Frankie', kif ukoll dak fuq il-fond numru disgħa u ħamsin (59),

kollox fi Triq Sir Patrick Stuart, Gzira, Malta, **bil-prezz ta' €425,000 skont konvenju li l-atturi ffirmaw fid-9 ta' Frar 2018.**

**Għalkemm skont l-Art 495A(2) it-talba għandha ssir b'rikors, l-atturi għażlu li jagħmluha permezz ta' rikors ġuramentat. B'danakollu l-proċedura xorta waħda tibqa' waħda valida.**

B'mod ġenerali, l-għan ta' dan l-artikolu huwa sabiex jiffaċilita t-trasferiment ta' proprjetà fl-intier tagħha meta jkun hemm propjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-intier tal-proprjetà in komun.

Permezz ta' din il-proċedura, l-Qorti tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu kemm-il darba jirriżulta illi:

(1) l-ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin (salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata).

(2) ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun.

(3) l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom.

(4) It-talba lill-qorti għandha **ssir permezz ta' rikors** li miegħu jkun hemm annessa **dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ** kif ukoll **prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma** li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll **il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ**. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.

(5) ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-komproprjetarji kollha dissidenti kif ukoll lill-kuraturi ta' sidien mhux magħrufa jew li ma jkunux jistgħu jinstabu.

(6) ir-Reġistratur għandu jara li kopja tar-rikors tiġi ppubblikata fil-Gazzetta u f'ġurnal wieħed ta' kuljum.

(7) dikjarazzjoni li xi komproprjetarju mhux magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi kkonfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti.

(8) il-komproprjetarji dissidenti jiddikjaraw fi żmien 20 jum min-notifika tar-rikors jew mill-pubblikazzjoni msemmija xi jkun il-preġudizzju gravi.

(9) il-qorti għandha, tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna.

(10) fil-valutazzjoni tal-preġudizzju l-Qorti għandha tqis kull fattur rilevanti inkluż il-valur tal-proprjeta` u l-prezz tal-bejgħ u tista' tordna li ssir stima skont l-Artiklu 306 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-prerekwiżiti numri (1) sa (7) ġew ilkoll sodisfatti.

Ma saret l-ebda oġġezzjoni li l-komproprjetarji dissidenti sejrin isofru xi preġudizzju u għalhekk il-prerekwiżit numru (8) huwa wkoll sodisfatt.

Il-konvenju ma fih l-ebda kundizzjoni li tixħet xi piż partikolari jew mhux tas-soltu fuq il-bejjiegħa. Il-Qorti assikurat ruħha li l-prezz huwa wieħed ġust billi ħatret perit tekniku li ċċertifika li l-prezz fil-konvenju kien wieħed li jirrifletti s-suq fit-2018 meta sar; u li l-prezz sas-sena 2020 kien ogħla għal €455,271. Għalhekk il-prerekwiżit numru (10) huwa wkoll sodisfatt.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-kuraturi deputati konformement ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talbiet attriċi.

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tawtorizza l-bejgħ tal-immobbli komuni deskritt aktar 'il fuq bħala d-dar, numru tmienja u ħamsin (58), bl-isem 'Frankie', inkluż bitħa retrostanti, u l-arja u sottosuol tagħha u kif ukoll dak fuq il-fond numru disgħa u ħamsin (59), kollox fi Triq Sir Patrick Stuart, Gżira, Malta, bil-prezz ta €455,271 u bil-pattijiet u bil-kundizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fil-konvenju msemmi datat id-disgħa (9) ta' Frar 2018, u l-estenzjoni tal-istess.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tistabbilixxi li t-trasferiment għandu jsir fl-uffiċċju tan-nutar Sam Abela fil-hin, jum u lok li n-Nutar jistabbilixxi mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

3. Tilqa' t-tielet talba billi taħtar lin-Nutar Dr Sam Abela sabiex jippubblika l-att tal-bejgħ relattiv.

4. Tilqa' r-raba' talba billi taħtar lill-Avukat Dottor Benjamin Valenzia sabiex jirrappreżenta lis-sidien assenti jew mhux magħrufa fuq il-kuntratt pubbliku kif ukoll kull eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

5. Tilqa' l-ħames u s-sitt talba billi:

(i) Tordna lin-Nutar Pubbliku in kwistjoni jippreleva mill-prezz rikavat l-ispejjeż u drittijiet talvolta dovuti mill-bejjiegħa in konnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ inkluż id-drittijiet dovuti lill-kuratur nominat aktar qabel;

(ii) Tordna li l-ammont spettanti lill-konvenut, wara t-tnaqqis fuq imsemmi, jiġi mgħoddi mix-xerrej lill-kuratur bl-obbligu li jiddepożita l-istess taħt l-awtorità tal-Qorti fi żmien ġimagħtejn mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ.

Bl-ispejjeż jitħallsu skont is-sehem rispettiv tal-partijiet b'dan illi l-ispejjeż u drittijiet tal-kuratur jitħallsu direttament mir-rikavat tal-bejgħ hawn awtorizzat qabel ma jiġi diviż bejn il-partijiet skont kif hawn deċiż.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA